MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2014

Numru. 1130/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR ARTHUR MERCIECA**

**VS**

**SILVIO PACE**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Silvio Pace, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 477468 (M).

**Akkuzat talli:**

Nhar it-2 ta` Lulju, 2011, gewwa Hamrun bejn is-siegha ta` wara nofsinhar (13:00pm) u l-erbgha u nofs ta` wara

nofsinhar (16:30pm) ikkommetta serq ta` ghodod minn gewwa vettura TOT 097 ghad-dannu ta` Elton Caruana u/jew persuni ohra liema serq jeccedi il-mitejn u disgha u tletin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€239.24) u kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-artikoli 261, 263 (a), 271 (g), 278 (1), 278 (2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta hsara volontarja fuq il-vettura TOT 097 ghad-dannu ta` Elton Caruana liema hsara teccedi il-mija u sittax ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

Finalment Silvio Pace gie akkuzat talli huwa sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa u l-provi prodotta;

Wara li rat il-Fedina Penali tal-imputat;

Wara li rat l-Artikoli 261, 263 (a), 271 (g), 278 (1), 278 (2), 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat u wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet inkluz il-fatt illi l-imputat li huwa ta` certu eta` u irriforma ruhu;

Dina l-Qorti temmen illi piena karcerarja mhix adekwata f'dan il-kaz u ghaldaqstant, filwat li ma thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni, tqeghdu taht

ordni ta` *probation* ghal perjodu ta` tlett (3) snin ai termini tal-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------